MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 54/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti zzewwget lill-intimat fis-16 ta’ Jannar 1988 – Dok. A huwa ic-certifikat taz-zwieg; minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel – XDB;
2. Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tant li l-partijiet ilhom li ssseparaw u dan permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Thea Cachia datat 1 ta’ Jannar 2011 – Dok. C.
3. Illi intant il-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn hames snin u cioe minn Ottubru 2006. Ghalhekk

ilhom separati ghal aktar minn erba` mill-ahhar hames snin –huma tul dan iz-zmien kollu ma ghexux flimkien;
4. Illi ma hemm l-ebda tama ta’ rikonciljazzjoni.
5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u ma hemm ebda manteniment li ma giex imhallas ghat-tifel ghaliex l-intimat sa issa dejjem hallas il-manteniment dovut minnu skond il-kuntratt ghal minuri.
6. Illi l-attrici tixtieq tiprevalixxi ruhha mid-dritt li titlob u tottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art. 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta’ Jannar 1988 jigi dikjarat xolt ai termini tal-artikolu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Frar, 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrent irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta’ Jannar, 2011, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn hames (5) snin u cioe minn Ottubru 2006;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------